



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 20 ta' Awwissu 2013 (04.09)
(OR. en)**

**12128/1/13
REV 1**

**PUBLIC 53
INF 130**

NOTA RIVEDUTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL APRIL 2013

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'April 2013^{1 2}.

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti legiſlattivi, inklużi:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn xieraq, l-ispjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti legiſlattivi adottati fil-proċedura legiſlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att legiſlattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti legiſlattivi adottati fil-proċedura legiſlattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux legiſlattivi li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: <http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register>

Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument huwa esklussivament għall-informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill fuq: <http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes>

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL
F'APRIL 2013**

Proċedura bil-miktub konkluża fl-10 ta' April 2013

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 325/2013 tal-10 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 102, 11.4.2013, p. 1–5	5017/13

It-3234 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fil-Lussemburgu fit-22 ta' April 2013

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Kunsill Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea Test b'relevanza għaż-ŻEE ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1–727	77/12	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: SL

DIKJARAZZJONIJIET:

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Artikolu 290 għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li dan huwa awtonomu fit-tħejjija u l-adozzjoni ta' atti delegati. Il-premessa standard dwar il-konsulenza esperta fil-Fehim Komuni maqbul bejn it-tliet istituzzjonijiet hija riflessjoni ta' din l-interpretazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni jiddispijaċiha li l-premessa 16 tiddevja mill-Fehim Komuni.

Dikjarazzjoni mis-Slovenja

Is-Slovenja tikkondividi mill-bidu nett l-għan ewlieni tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ESA 2010). Il-biċċa l-kbira tat-tħassib li wriet is-Slovenja dwar il-proposta tal-Kummissjoni kien indirizzat matul il-proċedura s'issa. B'hekk, il-kompromess huwa kważi kompletament sodisfaċenti għas-Slovenja.

Madankollu, skont ir-Regolament attwali (ir-Regolament ESA 1995, ir-Regolament Nru 2223/1996) is-Slovenja għandha hekk imsejħa derogi permanenti għat-trasmissjoni tal-istatistika li ġejja: il-PDG mill-approċċ tal-produzzjoni bil-prezzijiet attwali, kull tliet xhur, għas-snin 1995-1999; l-impjeg f'sigħat maħduma, għas-snin 1995-1999; il-kontijiet finanzjarji, għas-snin 1995-2001; in-nefqa tal-gvern skont il-funzjoni, għas-snin 1995-1999. Is-Slovenja ser tagħmel mill-aħjar li tista' biex tiġbor l-istatistika nieqsa u timla l-vojt, iżda dan mhux ser ikun possibbli għad-data kollha msemija. Dan jirrigwarda b'mod partikolari l-kontijiet finanzjarji u n-nefqa tal-gvern skont il-funzjoni. Is-sorsi ta' data meħtieġa biex tinġabar l-istatistika msemija mhumiex disponibbli u ma jistgħux jinħolqu għall-passat. Konsegwentement, is-Slovenja qatt mhi ser tkun f'pożizzjoni li tiġbor din l-istatistika u li tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament. Għaldaqstant, is-Slovenja tastjeni.

Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar regoli tal-kontabilità dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-attivitajiet relatati mal-użu tal-art, mat-tibdil fl-użu tal-art u mal-forestrija u dwar informazzjoni li tikkonċerna l-azzjonijiet relatati ma' dawk l-attivitajiet ĠU L 165, 18.6.2013, p. 80–97	2/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (Test b'relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13–40	1/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

DIKJARAZZJONIJIET:			
Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tieħu nota li l-Artikolu 10 tal-proposta oriġinali tagħha tħassar. Madankollu, sabiex tittejjeb il-kwalità tad-data u t-trasparenza dwar l-emissjonijiet ta' CO2 u informazzjoni oħra rilevanti għall-klima relatata mat-trasport marittimu, il-Kummissjoni taqbel li, minflok, tindirizza din il-kwistjoni bħala parti mill-inizjattiva futura tagħha dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu li l-Kummissjoni qed timpenja ruħha li tadotta matul l-ewwel nofs tal-2013. Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi emenda għal dan ir-Regolament f'dak il-kuntest." Il-Kummissjoni tinnota li jistgħu jkunu meħtieġa regoli supplimentari li jirrigwardaw il-ħolqien, iż-żamma u l-modifika tas-sistema tal-Unjoni għal linji ta' politika, miżuri u projezzjonijiet kif ukoll it-tħejjija ta' inventarji armonizzati dwar gassijiet b'effett ta' serra sabiex jiġi żgurat li r-Regolament jiffunzjona tajjeb. Minn kmieni fl-2013, il-Kummissjoni ser teżamina l-kwistjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u, jekk ikun xieraq, tagħmel proposta biex jiġi emendat ir-Regolament.			
Id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63–79	79/12	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: Astensjoni: DE, ES
DIKJARAZZJONIJIET:			
Dikjarazzjoni minn Spanja Mindu ġew adottati r-Rakkomandazzjonijiet tal-1998 u l-2001, Spanja appoġġat l-inizjattivi kollha li jirrigwardaw is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim tal-konsumaturi, u ser tibqa' tinkoraġġixxi l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' korpi tal-ADR, skont it-test adottat illum. Madankollu, ma nistgħux naċċettaw il-kontenut tal-Artikolu 13 sa fejn dan jesiġi li daww in-negożjanti li huma obbligati jew li impenjaw ruħhom li jagħmlu użu mill-entitajiet tal-ADR għandhom jipprovdu informazzjoni dduplikata.			

L-ewwel nett, huma jridu jagħmlu referenza għal dan l-obbligu jew impenn fuq is-siti web tagħhom u fil-kuntratti jew fit-termini u kondizzjonijiet ġenerali kollha. It-tieni, huma jridu jirrepetu din l-informazzjoni kull darba li huma jirrifjutaw ilment li jitressaq direttament lilhom. Barra minn dan, f'dawn il-każijiet huma jridu għal darba oħra jispeċifikaw jekk humiex ser jagħmlu użu mill-entitajiet, għalkemm il-fatt li huma jkunu preċedentement impenjaw ruħhom jew ikunu obbligati li jagħmlu użu minnhom ifisser li r-risposta bilfors tkun biss iva.

Min-naħa l-oħra, in-negozjanti li ma kinux impenjaw ruħhom jew li mhumix obbligati li jagħmlu użu minn entità tal-ADR għandhom biss isemmu l-entitajiet tal-ADR li jkopruhom meta jirrifjutaw ilment li jitressaq direttament lilhom minn konsumatur, u f'dak il-mument jispeċifikaw jekk humiex ser jagħmlu użu mill-entitajiet jew inkella le, li hija deċiżjoni kollha kemm hi tagħhom.

Sabiex jevitaw l-obbligu doppju li qed jiġi impost b'dan il-mod fuq in-negozjanti li kienu diġà impenjaw ruħhom li jagħmlu użu mill-entitajiet ADR iżda mhux fuq dawk li ma kinux impenjaw ruħhom, dawk tal-ewwel ser isibuha aktar attraenti li ma jaċċettawx l-intervent ta' entitajiet tal-ADR qabel ma jsir ilment. B'dan il-mod, huma jevitaw l-obbligu li jipprovdu l-informazzjoni fuq is-siti elettroniċi tagħhom u fil-kuntratti kollha tagħhom. Dan ser ikun ukoll ta' motivazzjoni għal negozjanti ġodda biex ma jikkommettux ruħhom minn quddiem li jagħmlu użu mill-entitajiet tal-ADR, biex b'dan il-mod jissimplifikaw ir-rekwiżit tal-informazzjoni impost fuqhom b'din id-Direttiva.

L-iskop tad-Direttiva, li hu li jittejjeb is-suq intern tal-kummerċ bl-imnut u li jiġi pprovdut rimedju għal konsumaturi permezz tal-ħolqien ta' entitajiet tal-ADR, iż-żieda tal-kopertura tagħhom u d-disponibbiltà aktar estensiva tagħhom, jista' jixxekkel, u l-impatt tat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumatur f'termini ta' aċċess għall-ġustizzja jista' jkun negattiv.

Wara 20 sena ta' żvilupp, is-sistema Spanjola ta' medjazzjoni u arbitraġġ, li hija ġestita u ffinanzjata pubblikament, tkopri l-pajjiż kollu u s-setturi ekonomiċi kollha. Aktar minn 80 % tal-ilmenti li jaslu għand l-entitajiet tal-ADR tagħna jiġu minn kumpanniji li huma impenjati li jagħmlu użu minnhom u issa ser jiġu obbligati mit-test il-ġdid li jagħtu informazzjoni ddublikata. Dawn jinkludu l-kumpanniji tat-telekomunikazzjoni prinċipali, li jirċievu madwar 25 miljun ilment kull sena u li jirrappreżentaw aktar minn 60 miljun utent li jirċievu kontijiet ta' kull xahar.

Spanja wriet l-appoġġ tagħha għat-test tal-approċċ ġenerali tal-Kunsill. Aħna konna wkoll naċċettaw mingħajr eżitazzjoni l-proposta kif indikata fit-test oriġinali tal-Kummissjoni, li kienet tgħin biex tittejjeb l-għarfien dwar l-entitajiet tal-ADR peress li kienet tobbliġa lin-negozjanti kollha jipprovdu informazzjoni dwarhom. Madankollu, għar-raġunijiet indikati hawn fuq, aħna ser nastjenu mill-votazzjoni dwar l-adozzjoni tad-Direttiva għaliex ma nistgħux naċċettaw il-formulazzjoni finali tal-Artikolu 13.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**fir-rigward tal-implikazzjonijiet tal-Artikolu 13(3)**

Ir-Renju Unit huwa mħasseb li l-impożizzjoni b'dan il-mod ta' rekwiżiti obbligatorji tal-informazzjoni fuq negozjanti li m'għandhom l-ebda intenzjoni li jużaw l-ADR ser toħloq konfużjoni għan-negozjanti u l-konsumaturi, ser timponi piżijiet bla bżonn fuq in-negozjanti u ser toħloq diffikultajiet rigward konformità u infurzar. L-impatt ta' din id-dispożizzjoni għandu jkun immonitorjat mill-qrib mill-Kummissjoni u għandu jidher b'mod prominenti fir-rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Il-Kunsill qed jintalab jadotta l-Proposta għal Direttiva dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) bl-Artikolu 114 bħala l-bażi legali tagħha. Ir-Renju Unit huwa tal-fehma li l-Artikolu 12 tad-Direttiva jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 tat-TFUE u li din il-bażi legali tat-Titolu V kellha għalhekk tkun iċċitata. Fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 12 huwa adottat f'konformità mat-Titolu V, ir-Renju Unit jikkunsidra li din id-dispożizzjoni kellha tinfired mid-Direttiva u titqiegħed fi strument separat, jew titneħħa mit-test tad-Direttiva. Peress li r-Renju Unit jista' jaċċetta l-oġettiv ta' politika tal-Artikolu 12, huwa għażel f'konformità mal-Protokoll 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi) ĠU L 165, 18.6.2013, p. 1–12	80/12	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: DE
Deċiżjoni Nru 377/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2013 għal deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 113, 25.4.2013, p. 1–4	11/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Astensjoni: PL

DIKJARAZZJONIJIET:

Dikjarazzjoni mill-Polonja

Matul in-negozjati l-Polonja kienet qed tindika b'mod konsistenti li l-proposta għal *Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità* kif ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea tipprevedi biss għal soluzzjoni parzjali għall-problema li nqalgħet fl-applikazzjoni tal-ETS fis-settur tal-avjazzjoni. Il-Polonja kienet tal-opinjoni li l-aħjar soluzzjoni tkun trid tkopri t-titjiriet kollha, kemm għall-UE u mill-UE kif ukoll fl-UE stess. Minħabba li t-test innegozjat mal-Parlament Ewropew ma jagħtix risposta għat-tħassib tal-Polonja, iżda jfittex li jiffaċilita n-negozjati globali dwar il-klima, il-Polonja ser tastjeni milli tivvota.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Id-Dipendenzi tal-Kuruna Brittanika - Isle of Man, Bailiwick of Guernsey, u Bailiwick of Jersey - jirrikonoxxu li l-fini ta' "twaqqaf l-arloġġ" hu li jittejbu l-prospetti li jiġi żgurat qbil globali fil-qafas tal-ICAO f'Settembru 2013. Id-Dipendenzi tal-Kuruna jappoġġaw bil-qawwa dan l-oġġettiv. Id-Dipendenzi tal-Kuruna jirrikonoxxu wkoll li l-inklużjoni ta' ċertu pajjiżi terzi (jiġifieri t-Territorji extra-Ewropej u dawk Dipendenti, u l-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA) hija ta' għajnnuna għall-pożizzjoni ta' negozjar tal-UE qabel il-laqgħa tal-ICAO.

Għal din ir-raġuni, id-Dipendenzi tal-Kuruna huma, eċċezzjonalment, lesti li jaċċettaw li jibqgħu jiġu inklużi fl-iskema tal-avjazzjoni EU ETS fuq il-bażi temporanja stabbilita fil-proposta tal-Kummissjoni "twaqqaf l-arloġġ" sabiex jiġu massimizzati ċ-ċansijiet li jintlaħaq qbil globali fil-qafas tal-ICAO.

Madankollu, f'każ li ma jintlaħaq l-ebda qbil globali fil-qafas tal-ICAO f'Settembru, ir-Renju Unit jappoġġa l-opinjoni tal-gvernijiet tad-Dipendenzi tal-Kuruna li l-esklużjoni tat-territorji dipendenti mid-deroga temporanja ma għandhiex tiġi trattata bħala preċedent għal kwalunkwe reġim suċċessur li jista' jkun meħtieġ jew le wara li tiskadi l-miżura temporanja.

F'każ bħal dan (jiġifieri l-ebda qbil globali fl-ICAO), ir-Renju Unit ikun jistenna li l-Kummissjoni tidħol f'konsultazzjonijiet sħaħ u f'waqthom mal-partijiet interessati kollha, inklużi d-Dipendenzi tar-Renju, qabel tippreżenta kwalunkwe proposta għal reġim li jsegwi dak temporanju "twaqqaf l-arloġġ".

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 3d tad-Direttiva 2003/87/KE, l-introjtu ġġenerat mill-irkant tal-kwoti tal-avjazzjoni għandu jintuża sabiex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi, fost l-oħrajn, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi, speċjalment f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, għall-finanzjament tar-riċerka u tal-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, inkluż, b'mod partikolari, fl-oqsma tal-aeronawtika u t-trasport bl-ajru, għat-tnaqqis fl-emissjonijiet permezz ta' trasport b'emissjonijiet baxxi u għall-ispejjeż tal-amministrazzjoni tal-iskema Komunitarja. Id-dħul mill-bejgħ bl-irkant għandu jintuża wkoll sabiex jiffinanzja kontribuzzjonijiet għall-Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli, u għal miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni.

Il-Kummissjoni tinnota li l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet meħuda skont l-Artikolu 3d tad-Direttiva 2003/87/KE dwar l-użu tal-introjtu ġġenerat mill-irkant tal-kwoti tal-avjazzjoni. Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-kontenut ta' dan ir-rappurtar huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru .../20131 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra u r-rappurtar ta' informazzjoni oħra fil-livell nazzjonali u dik tal-Unjoni rilevanti għat-tibdil fil-klima u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE. Aktar dettalji ser jiġu stabbiliti minn att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri ser jagħmlu r-rapporti pubbliċi, u l-Kummissjoni ser tippubblika l-informazzjoni tal-Unjoni aggregata fuq dawn b'mod faċli u aċċessibli.

Il-Kummissjoni tenfasizza li mekkaniżmu bbażat fuq is-suq globali li jagħti prezz internazzjonali lill-emissjonijiet tal-karbonju mit-trasport tal-avjazzjoni internazzjonali jista', barra milli jikseb l-għan primarju tiegħu tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, jgħin biex jipprovdi r-riżorsi meħtieġa biex jappoġġa l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima internazzjonali u l-miżuri ta' adattament.

Pożizzjoni (UE) Nru 3/2013 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 ĠU C 170E, 15.6.2013, p. 1–27	5394/13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: Kontra: DE Astensjoni: Ir-Renju Unit
---	---------	------------------------	---

DIKJARAZZJONIJIET:

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Il-Ġermanja topponi din il-proposta attwali għal Regolament dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u dwar ikel għal skopijiet mediċi speċjali. Il-Ġermanja dejjem appoġġat fil-prinċipju r-reviżjoni tal-leġislazzjoni Ewropea dwar ikel tad-dieta. Fil-fehma tal-Ġermanja, l-oġettivi mixtieqa ta' regolamentazzjoni aktar sempliċi u aħjar kif ukoll ta' armonizzazzjoni mifruxa f'dan il-qasam tal-liġi ma jinkisbux b'mod adegwat bir-Regolament propost.

B'mod partikolari, il-Ġermanja tikkunsidra li r-Regolament il-ġdid ma jieħux kont adegwat tal-livell speċjali ta' protezzjoni meħtieġ għal gruppi mmirati li huma vulnerabbli ħafna. Il-fehma tal-Ġermanja hija li, għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa preventiva, huwa problematiku li tkun permessa l-addizzjoni bla limitu ta' diversi sustanzi miżjuda, minħabba l-effett nutrittiv jew psikoloġiku tagħhom, għall-oġġetti tal-ikel fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

F'dan il-kuntest il-Ġermanja tosserva, inter alia, diskrepanza rrikonċiljabbli bejn ir-rekwiżiti stretti tar-Regolament ta' Dikjarazzjonijiet Sanitarji dwar il-verifika xjentifika tad-dikjarazzjonijiet ta' nutrizzjoni u saħħa fir-reklami tal-ikel minn naħa waħda, u r-rekwiżiti li huma b'mod ċar anqas stretti rigward il-protezzjoni preventiva tas-saħħa tal-konsumatur fir-rigward ta' ikel għal skopijiet mediċi speċjali min-naħa l-oħra.

Barra minn hekk, fir-Regolament propost ma għadhiex inkluża l-proċedura oriġinali ta' approvazzjoni għall-estensjoni tal-lista pożittiva li kienet inkluża oriġinarjament, u b'hekk l-addizzjoni ta' sustanzi li sa issa ma kienux koperti fil-lista pożittiva issa tħalliet għall-inizjattiva unika tal-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk, il-produtturi tal-ikel huma mċaħħda mill-possibbiltà li jakkwistaw l-approvazzjoni Ewropea għal sustanza permezz ta' proċedura regolata b'mod ċar u b'hekk milli jiksbu ċertezza legali għall-innovazzjonijiet. Konsegwentement, ir-Regolament il-ġdid ma jilħaqx ir-rekwiżit li tiġi promossa l-innovazzjoni."

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jappoġġa l-għan li jiġi ssimplifikat il-qafas regolatorju għall-ikel għall-gruppi vulnerabbli u jqis li t-test propost jilħaq b'mod ġenerali dan l-oġġettiv. Madankollu, ir-Renju Unit ma jappoġġax l-użu ta' atti delegati biex tiġi emendata l-lista tal-Unjoni ta' sustanzi u għalhekk ma jistax jappoġġa l-proposta. Deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi individwali għandhom jinkisbu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni li jużaw il-proċedura ta' eżami fir-Regolament (UE) 182/2011. L-użu ta' att delegat f'din iċ-ċirkostanza partikolari ma għandux jiġi kkunsidrat bħala preċedent għal oqsma oħra tal-politika tal-ikel.

ATTI MHUX LEĠISLATIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnu, fir-rigward ta' emendi fil-lista ta' skart fl-Anness IX (Lista B) tal-Konvenzjoni	8033/13
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fis-sitt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tal-proposta għal emendar tal-Annessi A u B	8035/13
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tressiq, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta biex sustanza kimika oħra titniżżel fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes	8036/13
Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fis-sitt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam fir-rigward tal-emendi tal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali	6394/13
Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward koperazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet tagħhom tal-kompetizzjoni ĠU L 117, 27.4.2013, p. 6–6	12513/13

Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ĠU L 118, 30.4.2013, p. 21–22	7116/13
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħira ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1–6	7123/13
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 372/2013 tat-22 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1008/2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni interim parzjali taħt l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 ĠU L 112, 24.4.2013, p. 1–9	8162/13
It-3235 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI) li saret fil-Lussemburgu fit-22 ta' April 2013	
ATTI MHUX LEĠISLATIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2013/278/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/023 IT/Antonio Merloni SpA mill-Italja) ĠU L 160, 12.6.2013, p. 13–13	6985/13

2013/276/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas- 17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni FEG/2011/010 AT/Austria Tabakk mill-Awstrija) ĠU L 160, 12.6.2013, p. 11–11	7289/13
2013/277/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/016 IT/Agile mill-Italja) ĠU L 160, 12.6.2013, p. 12–12	7291/13
2013/191/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 li tawtorizza lil-Latvja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 113, 25.4.2013, p. 11–12	7184/13
2013/193/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 li tawtorizza lir-Repubblika Franċiża li tapplika livelli differenzjati ta' tassazzjoni għall-petrol u għaż-żejt tal-gass li jintużaw bħala fjuwils tal-magni f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE ĠU L 113, 25.4.2013, p. 15–16	7529/13

DIKJARAZZJONIJIET:	
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Rigward il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Repubblika Franċiża li tapplika livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni għall-petrol u għaż-żejt tal-gass li jintużaw bħala fjuwils tal-magni skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kummissjoni tinnota li r-referenzi fit-titolu u t-tielet premessa tal-proposta tal-Kummissjoni għal "tnaqqis" mil-livell nazzjonali ta' tassazzjoni bħala l-oġġett tal-awtorizzazzjoni, u għall-fatt li l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE bħala l-bażi legali tagħha jkopri tali tnaqqis imma mhux żidiet mil-livell nazzjonali msemmi, ġew sostitwiti jew imħassra. Il-Kummissjoni tinnota li l-parti operattiva tat-test ma tbiddlitx u tkompli tirreferi għal "rati mnaqqsa" jew "tnaqqis" biss. Għalhekk, hija tqis li d-Deċiżjoni li tirriżulta tkopri esklussivament tnaqqis mil-livell nazzjonali ta' tassazzjoni. Madankollu, hija ma taqbilx mal-emendi msemmijin hawn fuq li saru lit-test kif propost, peress li jissostitwixxu jew jeliminaw elementi li huma ta' benefiċċju għaċ-ċarezza legali.	
2013/192/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 li tawtorizza lir-Repubblika Franċiża tapplika rata ta' tassazzjoni mnaqqsa għall-petrol bla ċomb użat bħala karburant u ddestinat għall-konsum fid-dipartimenti ta' Korsika skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE ĠU L 113, 25.4.2013, p. 13–14	7527/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kroazja	8449/13
Dikjarazzjoni Konġunta li tistabbilixxi Sħubija ta' Mobbiltà bejn ir-Renju tal-Marokk u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha	6139/13 ADD 1 REV 3
DIKJARAZZJONIJIET:	
Dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni tar-Renju Unit Ir-Renju Unit jilqa' l-konklużjoni tas-Sħubija ta' Mobbiltà mal-Marokk. Beħsiebna nipparteċipaw f'din is-Sħubija, u l-Anness għad-dikjarazzjoni politika juri b'mod ċar l-offerta tagħna li naħdmu mal-Marokk b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri. Filwaqt li jinnota n-natura mhux vinkolanti tad-dikjarazzjoni politika, u n-natura volontarja tal-azzjoni taħt tali Sħubiji, ir-Renju Unit jixtieq jagħmel ċara l-intenzjoni tiegħu li ma jipparteċipax fid-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-portabbiltà ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali (li jinsabu fil-paragrafi 10 u 11 fid-dikjarazzjoni politika).	

2013/334/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2013 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XXI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Statistika) ĠU L 177, 28.6.2013, p. 27–28	6911/13
2013/335/UE: tal- 25 ta' Ġunju 2013 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet ĠU L 177, 28.6.2013, p. 29–30	6914/13
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda għall-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE	6970/13
It-3236 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN), li saret fil-Lussemburgu fit-22 ta' April 2013	
ATTI MHUX LEĠISLATIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 325/2013 tal-10 ta' April 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 102, 11.4.2013, p. 1–5 (	5017/13

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Alġerija li tikkonċerna l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-prodotti industrijali previsti fl-Artikoli 9 u 11 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra	7561/13
2013/331/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Doganali u l-Kumitat Konġunt tal-Iżvilupp previst fil-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra ĠU L 177, 28.6.2013, p. 1–2	7768/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/182/PESK tat-22 ta' April 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 111, 23.4.2013, p. 50–51	7319/13
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 364/2013 tat-22 ta' April 2013 li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 111, 23.4.2013, p. 25–26	8390/13
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/185/PESK tat-22 ta' April 2013 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/739/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 111, 23.4.2013, p. 77–100	8385/13

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 363/2013 tat-22 ta' April 2013 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 111, 23.4.2013, p. 1–24	8386/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/186/PESK tat-22 ta' April 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2012/739/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 111, 23.4.2013, p. 101–102	8442/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/183/PESK tat-22 ta' April 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/800/PESK ĠU L 111, 23.4.2013, p. 52–74	7778/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/189/PESK tat-22 ta' April 2013 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2008/550/PESK ĠU L 112, 24.4.2013, p. 22–29	6477/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq	8675/13
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK tat-22 ta' April 2013 dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Mjanmar/Burma u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/232/PESK ĠU L 111, 23.4.2013, p. 75–76	8354/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mjanmar/Burma	8691/13
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Mali	8307/13

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTAI MILL-KUNSILL
F'APRIL 2013**

Proċedura bil-miktub konklufa fil-25 ta' April 2013

ATTI MHUX LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/201/PESK tal-25 ta' April 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja ĠU L 116, 26.4.2013, p. 10–12	8528/13
2013/236/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2013 indirizzata lil Ċipru dwar miżuri speċifiċi għall-kisba mill-ġdid ta' stabbiltà finanzjarja u tkabbir sostenibbli ĠU L 141, 28.5.2013, p. 32–36	8609/13